# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 132/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

vs

**Kevin Dalli**

iben Geoffrey, imwieled Pieta', fid-9 ta' Settembru, 1971, detentur tal-karta tal-identita' numru 370971(M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Kevin Dalli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fl-20 ta' Mejju, 2013 għall-ħabta ta' 02:30 hrs fi Triq Ix-Xatt, San Ġorg, San Ġiljan:

1. Saq jew ippruva jsuq jew kellu kontroll ta' vettura Nru. ABI-976 fit-triq jew f' post pubbliku meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
2. W' aktar ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Sliema rrifjuta jew naqas li jagħti

kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jagħmel hekk skond il-Liġi;

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jiġi skwalifikat mill-liċenżji kollha tiegħu tas-sewqan ghħal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta’ Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15A u 15 E tal-Kap. 65, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu multa ta’ elf u mitejn Euro (€1,200) u ssospenditlu l-liċenżja tas-sewqan għal żmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti Kevin Dalli minnu ppreżentat fit-28 ta’ Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaħ minn kull ħtija u piena jew, alternattivament tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-esponenti jibda billi jagħmel referenza għax-xhieda tiegħu li huwa ta taħht ġurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fejn filwaqt li nnega bil-qawwa kollha li huwa seta' kien xurban, spjega fid-dettal dak li effettivament ġara u ma garax u ma ħalla l-ebda informazzjoni barra.

Mill-banda l-oħra l-prosekuzzjoni serħet il-każ tagħha fuq żewġ affidavits ta' Surgenti PS 94 Jack Farrugia u PS 1187 Omar Zammit kif ukoll ix-xhieda *'viva voce'* tal-Ispettur Carlos Cordina.

*Nonostante* din il-pluralita ta' xhieda, mad-daqqa t'għajn lejn iż-żewġ affidavits wieħed mill-ewwel jinduna illi dawn jikkonfliġġu ferm bejniethom kemm fejn jidħol kemm il- 'ħin' kif ukoll il-'lok' ta' fejn ġara l-inċident. F'dan il-kuntest, PS 94 Jack Farrugia fl-affidavit tiegħu jiddikjara illi *'għall-ħabta ta '02:30hrs' il-lok fejn seħħ l-inċident kien 'triq il-Bajja San Giljan, San Giljan'* filwaqt illi fl-affidavit ta' PS 1187 Omar Zammit għall-ħabta ta’ 02:30 wkoll, il-lok imsemmi huwa *'triq ix-xatt ta' San Ġorg, San Ġiljan"*, Mistoqsi mill-Qorti fuq dawn iż-żewġ

punti hekk kardinali fil-kamp penali, ossia l-'ħin' u l-'lok'; l-Ispettur Cordina għaraf jagħżel illi jkun ġeneriku fid-deposizzjoni tiegħu billi mingħajr ma' nklina ruħu lejn verżjoni waħda jew l-oħra semma biss illi ġie a konsapevolezza ta' dan il-fatt *'waqt li kont fuq ronda Paceville'* u dana meta l-Ispettur Cordina kellu jkun il-persuna illi jivverifika b'mod ċar il-ħin eżatt u anke il-lok eżatt, għaliex allura kif jiftakar daqshekk f'dettal affarijiet oħra dwar l-inċident iżda mhux il-ħin u l-lok meta hu kien preżenti fuq il-post.

Illi għalhekk il-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti turi karenza lampanti rigward dawn ir-rekwiżiti *stante* lli il-liġi titkellem ċar dwar dan fejn oltre rekwiżiti ohħra marbuta mal-att tal-akkuża, fis-sub inċiż (ċ) ta l-Artikolu 589 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta hemm indikat bi kliem ċar illi dan l-att għandu *"ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar l-att u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha ... "*

Illi anke fejn *si tratta* sewqan, fl-ebda ħin ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kemm dak *viva voce* u cioe l-Ispettur Cordina, kif ukoll iż-żewġ Surgenti, permezz tal-affidavit tagħhom qatt semmew jew ġabu prova li raw il-vettura tinstaq fit-triq imsemmija mill-esponenti.

Illi anke ukoll fejn jidħol l-istat tal-esponent, wieħed jrid ta' bil-fors jirrimarka illi filwaqt li ż-żewġ Surġenti fl-affidavit tagħhom, għamlu referenza għar-riħa ta' xorb, mill-banda l-oħra huma aċċennaw għal l-iżveltezza spontanea esposta minn naħa tal-esponent, meta hekk kif mitlub minnhom *'huwa obda minnufih'* kif ukoll il-fatt illi huwa mar *'mill-ewwel'* meta ġie mitlub sabiex isirlu t-test tal-breathyliser.

Illi madanakollu, u sfortunatament għad-difiża, uffiċjali oħra fosthom PC918 (illi jidher li kien qed jsuq il-vettura tal-Pulizija lejn l-għassa ta' tas-Sliema u preżumibilment kien preżenti wkoll fil-mument li l-esponent ġie rinffaċċjat bit-test tal-breathyliser) ma xehdux fil-proċeduri u lanqas ma ġie ppreżentat affidavit tagħhom. B'hekk id-difiża kienet prekluża milli tgħarbel ix-xhieda għal inkonsistenzi u kuntradizzjonijiet partikolarment fil-mumenti fejn ġie allegat illi l-esponent ipprova jaħrab mill-vettura tas-servizz ..... u wara ġirja ta' ftit metri nqabad mingħajr ma offra l-ebda rezistenza!, kif ukoll meta l-istess esponent kien informat li kellu dritt li

jirrifjuta li jagħmel it-test u huwa, mogħti din ix-xelta, għazel li jirrifjuta.

Illi l-fatt ukoll illi l-esponenti ġera għal diversi metri, juri biċ-ċar illi l-esponenti ma' setax kien fis-sakra u li ma kellux kontroll tiegħu inniffsu, għaliex kieku ma kienx ikun kapaċi jagħmel dan u joħroġ b'mod veloċi mill-vettura tal-Pulizija tant ma kienx xurban l-esponenti illi aġixxa b'dan il-mod għaliex lemaħ *'public convenience'* faċċata tal-Għassa u pprova jmur lejha sabiex jaqdi il-bżonnijiet naturali tiegħu, fatti dawn, illi ġew anke aċċennati quddiem l-ewwel Qorti. F'dan l-isfond wieħed ta' bilfors ikollu wkoll jaċċenna illi skont l-atteġġjament tal-Pulizija fiċ-ċirkostanzi kif deskritti fl-affidavit ta' PS 94 Jack Farrugia, il-fatt li okkorenza tali, sar aċċenn għalih lejn l-aħħar tal-istess affidavit, għandha turi n-nuqqas ta' relevanza ta' dak illi kellu x'jgħid dan l-uffiċċjal fejn apparti nuqqas ta' korraborazzjoni minn xhieda oħra fih minnu nnifsu nuqqas ta' konvinzjoni ta' dak illi qiegħed jingħad.

Illi speċifikament dwar il-kwistjoni tar-riħa tax-xorb, ġie ripetutament ritenut mill-Qrati tagħna li għal fini tal-artikolu odjem ossia l-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Liġġijiet ta' Malta, il-fatt li xufier ikollu riħa ta' xorb ma hijiex prova biżżejjed li x-xufier ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. L-istess għandu jingħad għall-eżami tan-nifs fejn dan huwa biss wieħed mill-miżuri illi għandha l-prosekuzzjoni bħala prova biex tressaq dak li jkun pero' mhijiex l-unika prova illi weħidha tista' twassal għal ħtija o meno.

In oltre, din il-Qorti tagħllimna wkoll illi *'din il-prova ma tieħux post xhieda okulari ili jistgħu jixdhu dwar l-istat ta' sokor ta' persuna'* (vide sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Pulizija vs Mario Gauci deciz ukoll per Onor. M.Mallia ukoll nhar il-31 ta' Ottubru 2013).

Illi għalhekk huwa fir-rigward ta' dawn l-affidavits, partikolarment dak ta' PS 1187 Omar Zammit u l-mod ta' kif ġie miktub li l-esponent umilment jħoss illi dan *'lascia tanto a desiderare'* Għalhekk dak li qed jiġi kontestat hawn huwa l-fatt illi minn naħa tal-prosekuzzjoni ġew omessi ċertu detalji li fil-kamp penali huma ferm vitali.

2. Illi l-ewwel Qorti għamlet ukoll enunċjazzjoni skorretta tal-liġi stante illi filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni dak illi jemerġi mill-Artikolu 15A. (1) ossia illi *'Ebda persuna ma għandha*

*ssuq Jew tipprova ssuq Jew ikollha /-kontroll ta' vettura bil-mutur Jew vettura oħra li tkun fit-triq Jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb Jew drogi'* naqset milli tieħu konjizzjoni ukoll ta' dak illi jemerġi mis-sub inċiż (2) tal-istess Artikolu fejn dan jippreċiża illi *'Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m 'hijiex f'kundizzjoni li ssuq Jekk il-kapaċita tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.*

Fil-fatt, apparti r-riħa ta' xorb - fejn bħal ma ġie aċċennat diġa, l-fatt li xufier ikollu riħa ta' xorb ma hijiex prova biżżejjed li x-xufier ma kienx f'kundizzjoni li jsuq - l-aġir tal-esponenti meta ġie mitkellem mill-pulizija kien wieħed rett u fl-affidavits ma hemm l-ebda referenza għal xi inċidenti li setgħu jindikaw li l-esponenti ma kienx f'sensieh jew diskors imlaqlaq da parti tal-esponenti, jew per eżempju li l-esponenti ma setax jżomm fuq saqajh u dan kif jemerġi minn sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Pulizija vs Kenneth Zammmit deċiż per Onor. M. Mallia nhar 31 ta' Ottubru, 2013.

Żġur ukoll illi fil-każ odjern imkien ma jirriżulta lli l-esponent ma kienx fi stat li jsuq, għax tant kellu sokor fuqu illi r-remetta - ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Pulizija vs Mario Gauci deċiż ukoll per Onor. M. Mallia ukoll nhar il-31 ta' Ottubru, 2013.

3. Illi l-piena fiċ-ċirkustanzi kienet waħda eċċessiva tenut kont tal-fatt li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jimmeritawx, fl-umli fehma tal-esponent, piena daqstant gravuża. Inċidentalment, piena simili ġiet amministrata f'sitwazzjonijiet illi jmorru ferm *oltre* mill-każ odjem (ara sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali , Pulizija vs Mario Gauci deċiż per Onor M.Mallia nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 kif ukoll Pulizija vs Philip Attard deċiż per Onor L.Quintano nhar 1 ta' Novembru, 2013).

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Ili dan hu każ sommarju u għalhekk din il-Qorti kellha terġa' tisma' x-xhieda prodotti quddiem l-ewwel Qorti billi ma saret ebda traskrizzjoni tax-xiehda mogħtija u fliet bir-reqqa d-dokumenti eżebiti quddiem l-ewwel Qorti.

Wieħed mill-aggravji mressaq mill-appellant jirrigwarda kemm il-'ħin' u 'l-lok' ta' fejn ġara l-inċident.

Meta wieħed jeżamina l-affidavits bir-reqqa ta' PS 94 Jack Farrugia u PS 1187 Omar Zammit, jaqblu kemm fid-data u l-ħin iżda ma jaqblux fl-indirizz u cioe' l-lok ta' fejn ġara l-każ.

Filwaqt illi PS 94 jindika indirizz ' Triq il-Bajja , San Ġiljan, San Ġiljan', fl-affidavit tiegħu, PS 1187 Omar Zammit jniżżel bħala indirizz Triq ix-xatt ta' San Ġorg, San Ġiljan.

L-indirizz indikat minn PS 1187 jinstab fl-affidavit tiegħu u fiċ-ċitazzjoni pero' l-indirizz li jirreferi għalih PS 94 jinstab fl-affidavit tiegħu, fil-PIRS a fol 4 bħala l-indirizz tal-inċident u anke fis-sommarju li hemm a fol 5 tal-istess PIRS.

Iż-żewġ toroq jeżistu imma huma ferm il-bogħod minn xulxin.

Illi għalkemm hemm diskrepanza fl-indirizz xorta tajjeb li wieħed isemmi l-fatt li l-indirizz indikat fiċ-ċitazzjoni u fl-affidavit ta' PS 1187 jagħmel sens għax kienet viċin tal-ħanut fejn kien qed jiddiverti l-appellant u li fin-nota tal-appell, l-appellant jgħid li kien ipparkjat ftit metri 'l bogħod minn fejn kien jinsab ma' sħabu.

Illi huwa veru li t-triq ma taqbilx pero' PS 94 huwa stazzjonat C.I.D. u PS 1187 huwa stazzjonat l-għassa ta' San Ġiljan u peress li tmiss mal-bajja dan ta'qabel assuma li t-triq jisimha triq il-bajja u mhux triq ix-xatt.

Illi, in oltre, l-ispettur Carlos Cordina fix-xhieda tiegħu quddiem din l-Onorabbli Qorti jerġa jgħid 'jekk minix sejjer żball jisimha Triq il-Bajja San Ġiljan', pero' meta ġie biex jiddeskrivi l-

post huwa jgħid li jista' jindika biċ-ċertezza u li huwa fejn hemm il-kumpless tal-lukanda Villa Rosa'. (Fol 29)

Illi peress li din hija kawża sommarja, huwa l-artikolu 360 (2) tal-Kap 9 li jiddeskrivi x'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni.

*360 (2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta'* ***żmien u ta' lok*** *li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Il-lok huwa indikat fiċ-ċitazzjoni u huwa dak it-tajjeb għax hija t-triq ftit metri l-bogħod li jgħid li kien fih l-appellant stess u t-triq li ddeskriva l-ispettur Carlos Cordina fix-xhieda tiegħu. Għaldaqstant huwa ċar fejn sar l-inċident.

Għal dawn ir-raġunijiet dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**It-tieni punt s-sakra o meno tal-appellant**

Illi l-appellant jsostni li huwa ma kienx xurban pero' li huwa kien ħa qatgħa meta ra lil PS 94 iħabbat mat-tieqa għax kien id-dlam u l-unika ħaġa li kien qed jagħmel huwa li xegħel il-karozza biex iqabbad sigarru mal-lighter tal-karozza u li ma kienx qed isuq. Inoltre, peress li kien libes pajżan ma ndunax li kien pulizija għall-ewwel.

Fl-affidavit dettaljat tiegħu PS 94 jiddeskrivi kif hu u l-ispettur Carlos Cordina kienu raw lil appellant ħiereġ minn ġo parking bay imma baqa' dieħel ġol-*bring in site skips* u għalhekk waqfu ħdejh. Meta qallu li huwa pulizija huwa reġa saq ġo l-iskip. Infatti, kellu jneħħi ċ-ċwievet minn ġol karozza PS 94 biex ma jerġax isuq. PS 94 induna li l-appellant ma kienx qed jifhem x'inhu jgħidlu u li kellu riħa qawwija t'alkohol. Din ir-riħa ta' xorb jagħmel anke PS 1187 referenza għaliha fl-affidavit tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-ispettur Carlos Cordina jgħid li ra lil appellant dieħel fuq skip u li meta kellmu ma kienx ċar fi kliemu  a fol 25 u a fol 30 jgħid li ‘ ma kienx qed iżomm sewwa fuq riġlejh’.

**Atteġġiament tal-appellant**

Huwa ikkopera mal-Pulizija kemm meta qalulu biex jinżel minn ġol karozza u kemm meta qalulu biex imur magħhom għal breathyliser, li fl-aħħar għażel li ma jagħmilx.

L-appellant saħansitra prova jaħrab mill-vettura tal-Pulizija pero’ inqabbad wara ftit metri u ma għamilx rezistenza. Fin-nota tal-appell l-appellant jgħid li ħareġ jiġri minn ġol-vettura biex jgħaqdi l-bżonnijiet naturali tiegħu għax kien lemaħ *‘public convenience’*,  pero’ din il-Qorti mhux qed temmen din il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant.

Illi in oltre, li kieku l-appellant kien f’postu ma kienx jidħol fl-iskip għal darba, tnejn. Dan huwa sinjal li r-riflessi tal-appellant kienu qed jitbaxxew u ma kienx f’sensih biżżejjed biex isuq fit-triq.

Illi l-appellant ingħata t-twissija fir-rigward tal-breathyliser test u huwa irrifjuta li jagħmel dan it-test. (Fol 3). Ir-raġuni tar-rifjut tiegħu kienet għax hu ma ħassx li jkun opportun li jagħmel it-test u għax hu  baqa’ jsostni li ma kienx qed isuq.

Illi l-appellant qatt ma kien aggressiv fil-konfront tal-Pulizija u dan ġie konfermat anke mill-ispettur fix-xhieda tiegħu. In oltre, jidher li huwa ikkopera mal-Pulizija ħlief meta prova jaħrab mill-karozza.

Ili l-Pulizija kienu ħadulu ċ-ċwievet biex ma jsuqx peress li fl-opinjoni tagħhom ma kienx f’kundizzjoni li jista’ jsuq u tawh l-istess ċwievet lura xi sagħtejn u kwart wara bejn wieħed u ieħor.

Din il-Qorti jidhrilha li x-xhieda huma provi bizzejjed sabiex jindikaw illi l-appellant ma kienx fi stat li jista' jsuq fi stat luċidu. In oltre, l-fatt li dana rrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs huwa ċar ħafna mill-provi mressqa mill-prosekuzzjonu u kif ukoll mill-appellant stess.

Għalhekk l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ppruvati u din il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Għaldaqstant mhux il-każ illi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti tiġi disturbata.

Għaldaqstant, l-Qorti tiċħad l-appell ta' Kevin Dalli u tikkonferma s-sentanza appellata.